MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2004

Numru. 139/2003

Il-Pulizija
(Spettur David Saliba)
vs
Keith Agius

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Keith Agius, detentur tal-karta ta’ l-identita Nru 134782(M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli fix-xhur ta’ qabel id-29 ta’ Dicembru, 2002 matul il-gurnata gewwa Haz-Zebbug, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa u cioe’ stereo tal-karozzi li l-valur ta’ dan l-oggett jeccedi aktar minn LM50, liema oggett gie mehud b’qerq jew akkwistat b’reat sew jekk dan sar f’Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq

imsemmi iwiegeb illi ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja;

Semghet lill-imputat debitament assistit volontarjament jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dana waqt is-seduta tat-23 ta’ Gunju, 2004;

Rat il-provi kollha li tressqu;

Semghet ix-xhieda li gew prodotti u rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza dwar il-piena;

Ikkunsidrat :

Taqta u tiddeciedi billi fuq ammissjoni volontarja tal-imputat fuq imsemmi ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu issibu hati ta’ dawn l-imputazzjonijiet u dana wara li l-Qorti rat l-Artikoli 334 (c) tal-Kap. 9 u l-Artikolu 309 tal-Kap. 9. Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta’ piena il-fatt illi l-imputat irregistra ammissjoni bikrija sabiex b’hekk evita li issir il-kumpilazzjoni, kif ukoll il-fatt illi l-Ufficjal Prosekutur iddikjara illi r-refurtiva giet rikuperata mill-pulizija, kif ukoll il-fatt illi l-imputat ikkopera ferm matul l-investigazzjoni. Ghaldaqstant il-Qorti ma thossx illi piena karcerarja tkun idoneja ghall-akkadut, tara li jkun ferm aktar ta’ beneficcju jekk l-imputat jinghata opportunita ohra sabiex jirriforma hajtu u jaqbad it-triq it-tajba u dana anke in vista tal-fatt illi l-imputat ma ghandux xi fedina penali allarmanti. Ghalhekk wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 filwaqt illi tillibera lill-imputat tobbligah illi ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mill-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car bir-responsabbilta tieghu skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ liberazzjoni taht kundizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------